# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 20 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 6**

**Rikors numru 204/11/2 RGM**

**Marisa Tonwuru**

**v.**

**Timothy Oyinperemobode Tonwuru**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-konvenut ('appellant') kif ukoll l-appell inċidentali tal-attriċi ('appellata') minn sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Ottubru 2019 li titratta dwar il-firda tal-partijiet. Iż-żwieġ sar fis-17 ta' Ġunju 2003 (numru tar-reġistru 955).

2. Il-kawża bdiet permezz ta' rikors maħluf preżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-21 ta' Ġunju 2011 li bih l-attriċi talbet u ppremettiet is-segwenti:

> *"1. Illi l-kontendenti zzewwgu nhar is-sbatax ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) fir-Registru Pubbliku fil-Belt Valletta, liema zwieg gie registrat taht l-Att taz-Zwieg bin-numru progressiv: disgha, hamsa, hamsa tas-sena elfejn u tlieta (955/2003) hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok.1.*
>
> *2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal.*
>
> *3. Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment u dan unikament minhabba tortijiet u htijiet imputabbli lill-intimat, stante eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi inkluz vjolenza psikologika da parti tal-intimat u abbandun versu r-rikorrenti tant li l-hajja mizzewwga m'ghadhiex aktar possibbli u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*
>
> *4. Illi stante l-fatt illi l-intimat kien u baqa' intransigenti u m'hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u lanqas ghal ftehim dwar separazzjoni bonarja ghaliex l-intimat baqa' jipposponi li jiffirma l-kuntratt ta' separazzjoni li kienu qablu fuqu l-kontendenti, l-esponenti ma kellhiex aktar triq ohra ghajr li tinizja dawn il-proceduri wara li giet debitament awtorizzata b'digriet (nru.1108/11) ta' din l-Onorabbli Qorti datat 14 ta' Gunju, 2011, li kopja legali tieghu qiedgha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok.1.*
>
> *5. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.*
>
> *6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*
>
> *Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*
>
> *1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali ad mensa et thoro u dan minhabba ragunjiiet attribwibbli eskluzzivament lill-intimat.*
>
> *2. Tiddikjara li l-intimat huwa obbligat li jhallas manteniment lill-esponenti ghaliha personali.*
>
> *3. Tiffissa dik ir-retta alimentarja mensili ghall-hlas ta' manteniment ghall-esponenti.*
>
> *4. Tordna lill-intimat ihallas il-manteniment hekk iffissat.*
>
> *5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.*

*6. Tillikwida l-assi u d-djun li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-partijiet anke okkorrendo permezz ta' periti nominandi, taqsam l-assi u d-djun hekk likwidati f'zewg porzjonijiet u mhux necessarjament ugwalment u tassenja porzjon lill-esponenti u porzjon iehor lill-intimat, occorrendo permezz tal-hatra ta' Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att tal-qsim opportun u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci.*

*7. Tordna lill-intimat ihallas id-djun kollha minnu assunti minghajr il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tal-attrici, minghajr mal-attrici tinkorri ebda responsabbilita' dwar l-istess.*

*8. Tordna l-bejgh bil-licitazzjoni l-proprjeta' ezistenti fin-Nigeria.*

*9. Tiddeciedi u tiddikjara liema proprjeta' hija parafernali tal-attrici u b'konsegwenza eskluza mill-komunjoni tal-akkwisti.*

*10.Tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju minnha prefiss tikkonsenja lill-esponent dawk il-beni li jigu dikjarati taghha parafernali kif ukoll dawk il-beni li jigu lilha assenjati b'konsegwenza tal-likwidazzjoni u tad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u ffin-nuqqas tordna lill-istess intimat sabiex ihallas lill-esponenti l-valur tal-istess beni, hekk likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti, anke okkorrendo permezz ta' periti nominandi.*

*11.Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimat iddekada minn dawk id-drittijiet, hekk kif kontemplat fl-Artikolu 48 et sequitur tal-Kodici Civili.*

*12. Sussidjarjament ghat-talba precedenti, tiddeciedi u tiddikjara illi l-kontendenti iddekadew minn kwalsiasi jedd jew obbligu ereditarju jew patrimonjali versu xulxin.*

*13.Tawtorizza lill-esponenti jirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*U dan prevja kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra li jidhrilha huma xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat, li huma minn issa ngunt in subizzjoni".*

3. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fil-25 ta' Lulju 2011, il-konvenut wieġeb:[1]

[1] Fol. 35.

*"1. Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irreparabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejniethom, dan pero' minhabba tortijiet u htijiet unikament u eskluzzivament imputabbli lill-attrici. Di fatti l-eccipjent qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt lilu moghti tal-kontro-talba sabiex jirribadixxi dan kollu. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attrici.*

*2. Salv, jekk ikun il-kaz, risposti jew eccezzjonijiet ulterjuri".*

4. Il-konvenut għamel ukoll rikonvenzjoni fejn ippremetta:-

*"1. Illi l-kontendenti zzewwgu fis-17 ta' Gunju, tas-sena elfejn u tlieta (2003);*

*2. Illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet il-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibbli, permezz ta' adulterju, sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti taghha fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonant u kif ukoll iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment b'tort uniku tal-istess attrici rikonvenzjonata.*

*3. Illi l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli.*

*4. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz ta' digriet numru 1108/11 ta' dina l-Onorabbli Qorti, datat erbatax (14) ta' Gunju, tas-sena elfejn u ħdax (2011).*

*Tghid ghalhekk l-istess attrici rikonvenzjonata il-ghaliex mghandiex din l-Onor. Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:*

*1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u eskluzzivament imputabbli lill-attrici rikonvenzjonata kif fuq spjegat u tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant ighix separatament minn mal-attrici.*

*2. Tiddikjara li l-attrici rikonvenzjonata ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut zewgha rikonvenzjonant, mentri hu jibqghalu d-dritt li jesigi minghandha l-hlas ta' manteniment ghalih.*

*3. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-attrici rikonvenzjonanta lill-konvenut zewgha rikonvenzjonata ghalih, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess attrici rikonvenzjonata sabiex thallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mill-qliegh taghha li hija ghandha jew jista' jkollha u tipprovdi dwar il-*

*modalitaijiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi ppercepit u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja.*

*4. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata l-effetti in toto jew in parte tal-Artikoli 48 sa 52 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret mill-konvenut.*

*5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhix necessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici rikonvenzjonata hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lill-konvenut rikonvenzjonant u porzjon lill-attrici ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

*6. Tikkundanna lill-attrici sabiex tirrestitwixxi lill-konvenut il-beni kollha dotali u/jew parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-attrici taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali suddetti.*

*Bl-ispejjes inkluz dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili u tal-medjazzjoni kontra l-attrici".*

5. L-attriċi wieġbet hekk:[2]

*"1. Illi l-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti mhix opposta mill-esponenti, b'dan pero' illi l-esponenti tirrileva illi kien l-istess konvenut rikonvenzjonant illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti stante eccessi, mohqrija, sevizzi, theddid u offizi gravi inkluz vjolenza psikologika da parti tal-intimat u abbandun versu l-attrici rikonvenzjonata;*

*2. Illi fir-rigward tal-ahhar bicca tal-ewwel talba in kwantu sabiex l-intimat rikonvenzjonant ighix separatament mill-attrici rikonvenzjonanta, l-attrici tirrileva illi l-intimat ilu li abbanduna lilha u d-dar matrimonjali minn bejn l-ahhar ta' Dicembru tal-2009, il-bidu ta' Jannar tal-2010, gimgha biss wara li l-attrici ffirmatlu ghac-cittadinanza Maltija u ghaldaqstant ma tarax lok ghall-opposizzjoni ta' din it-talba b'dana pero' illi l-esponenti terga' temfasizza l-fatt li t-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti huwa unikament attribwibbli ghall-konvenut rikonvenzjonant.*

[2] Fol. 41 *et seq*.

*3. Illi t-tieni talba tal-intimat rikonvenzjonant in kwantu tirreferi ghall-allegazzjoni li r-rikorrenti ddekadiet mid-dritt taghha li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-intimat rikonvenzjonant u li hu jibqghalu d-dritt li jesigi manteniment ghalih minghandha, hija opposta u dan billi l-attrici rikonvenzjonata dejjem qdiet l-obbligi u r-responsabbilitajiet li jgib mieghu z-zwieg mill-ahjar li setghet fic-cirkostanzi u qatt ma kellha ragel iehor jew abbandunat id-dar matrimonjali sabiex ikun hemm lok ghad-dekadenza da parti taghha, haga li ma tistax tinghad fil-konfront tal-intimat rikonvenzjonant li qabad u abbanduna d-dar matrimonjali u r-rikorrenti ilha iktar minn sena ma' tisma' minghandu, tant li ma tafx x'inhu jaghmel hu personalment u x'sar mill-hanut ta' San Pawl li jifforma parti mill-kumpanija "The Pathfinders Co. Ltd." li hija parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ir-rikorrenti ghandha kull dritt tkun informata dwar l-istess.*

*4. Illi t-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonant li tirreferi ghall-hlas ta' manteniment mir-rikorrenti fil-konfront tieghu jew ghall-hlas ta' somma globali versu lejh, hija opposta mill-esponenti u dan billi l-esponenti ilha minn meta telaq l-intimat rikonvenzjonant tipprova taqta' d-djun kollha li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u li b'kawza ta' dawn id-djun hija qieghda minn mument ghall-iehor tistenna li l-banek jissekwestrawla l-proprjeta' immobbli parafernali taghha li qiedgha ipotekata biex taghmel tajjeb ghad-djun kollha tal-komunjoni tal-akkwisti li l-attrici rikonvenzjonata sabet ruhha fih ghaliex l-intimat rikonvenzjonant ma kienx kapaci jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu ta' ragel mizzewweg izda dejjem ra kif ghamel biex jigbed lejh u jwarrab il-flus ghall-beneficcju tieghu personali bhal li kieku dan iz-zwieg kien biss investiment finanzjarju tajjeb ghalih u r-rikorrenti kienet il-mezz biex huwa jghix hajja komda u jaghmel il-flus bla ma jaghmel xejn.*

*5. Illi ghaldaqstant fir-rigward tat-tielet talba ukoll, l-attrici tiddikjara illi m'ghandhiex minfejn thallas retta alimentarja bhala manteniment ghall-intimat rikonvenzjonant ghaliex il-ftit flus li taqla' mill-hanut ta' Hal Qormi qedghin imorru biex jinqata' d-dejn li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u appena l-banek jiddeciedu li jissekwestraw l-proprjeta' ipotekata minhabba dawn id-djun l-attrici ser tispicca b'xejn u dan ghaliex anke l-hanut ta' Hal Qormi, li hu l-uniku mezz ta' ghajxien li ghandha r-rikorrenti prezentement u proprjeta' parafernali taghha, hija ipotekata biex taghmel tajjeb ghad-djun tal-komunjoni tal-akkwisti, mentri l-intimat rikonvenzjonant lanqas il-polza ta' assigurazzjoni fuq il-hajja li tkopri xi uhud mid-djun li ghandhom, m'ghadu jhallas. Di piu', it-talba tal-intimat li r-retta alimentarja mitluba minnu tigi mnaqqsa direttament mill-qliegh taghha hija wahda impossibbli ghaliex hi m'ghandhiex dhul finanzjarju jew introjtu fiss stante l-fatt li l-introjtu taghha jiddependi mill-bejgh li jkun hemm fil-hanut ta' Hal Qormi, liema qliegh qieghed imur biex jitnaqqsu d-djun li wara kollox gew fuq ir-rikorrenti a kawza tal-irresponsabilita' tal-intimat rikonvenzjonant ghaliex qabel iz-zwieg tal-kontendenti r-rikorrenti ma kellhiex xi djun iehor. Di piu' l-konvenut rikonvenzjonant ghandu mezzi sufficjenti ghall-ghixjien tieghu ghaliex huwa qieghed jiehu hsieb il-hanut ta' San Pawl*

*il-Bahar u ghall-kuntrarju ta' dak li qiedgha taghmel ir-rikorrenti huwa mhux talli mhux jipprova jnaqqas id-djun tal-komunjoni tal-akkwisti bil-qliegh li qieghed jaghmel minn dan il-hanut, izda talli qieghed biss izid id-djun tal-komunjoni billi jixtri l-merkanzija u ma jhallasx ghaliha! L-intimat rikonvenzjonant ghandu l-mezzi sufficjenti ghall-ghajxien tieghu stante l-fatt li bhala huwa qieghed jiggestixxi wiehed mill-hwienet li ghandhom il-kontendenti u di piu' wasal fl-ahhar ta' course l-universita' u ghalhekk anke jekk il-hanut ma jibqax ghandhom huwa dejjem jista' jsib impjieg alternattiv tajjeb, haga li r-rikorrenti ma tistax taghmel ghaliex hija m'ghandhiex livell ta' skola gholi. Kien ghalhekk li l-attrici talbet li jkun infatti l-intimat rikonvenzjonant li jhallas manteniment ghaliha.*

*6. Illi r-raba' talba hija totalment opposta mill-esponenti u dan in vista tal-fatt li kien unikament il-konvenut rikonvenzjonant li gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghaldaqstant certament li m'hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artiklu 48 et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponenti.*

*7. Illi ghal hames talba attrici ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u l-likwidazzjoni tal-assi u d-djun tal-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll it-talba ghan-nomina ta' nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacja mhuwiex opposti, b'dana illi l-qsim f'zewg porzjonijiet ma jsirux necessarjament b'mod ugwali b'tali mod illi jekk jirrizulta li huwa l-kaz, il-konvenut rikonvenzjonant jitlef il-jedd tieghu ghal nofs l-akkwisti illi kien hemm qabel u kif ukoll waqt iz-zwieg sar principalment bil-hidma u hlas da parte tal-esponenti u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*8. Illi s-sitt talba sabiex tirrestitwixxi lill-konvenut il-beni kollha dotali u/jew parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza mhijiex opposta b'dana illi l-intimat rikonvenzjonant ma gab l-ebda beni parafernali mieghu fiz-zwieg ghajr cirka erba' kotba, il-bqija dejjem kienu beni parafernali tal-esponenti li servew bhala bazi ghaz-zwieg tal-kontendenti u ghaldaqstant l-esponenti tirribadixxi illi fil-fatt huwa l-konvenut rikonvenzjonant li ghandu jikkonsenja lill-esponenti l-beni kollha partikolari, ossija parafernali, inkluz flus u ghodda, li jinstabu fil-pussess tieghu u huma goduti minnu jew minn qrabatu".*

6. B'sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2019 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet billi:

*"1. Tilqa' t-talba attrici ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut, filwaqt li tichad l-ewwel kontro-talba in parte;*

*2. Tichad din it-talba stante li l-attrici tahdem, filwaqt li tichad ukoll it-tieni kontro-talba;*

*3. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tielet u r-raba' talba u dan stante d-decizjoni taghha fit-tieni talba u l-istess ghat-tielet kontro-talba;*

*4. Tilqa' l-hames talba;*

*5. Tilqa' s-sitt talba u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq iddikjarat, kif ukoll tilqa' l-hames kontro-talba;*

*6. Tilqa' s-seba' talba u tordna l-hlas tad-debiti kif fuq iddikjarat;*

*7. Tichad it-tmien talba ghar-ragunijiet suesposti;*

*8. Tastjeni milli tiehu aktar konijizzjoni tad-disa' t-talba u dan stante li l-attrici bieghet il-proprjeta' parafernali taghha biex issalda d-dejn;*

*9. Tilqa' l-ghaxar talba;*

*10.Tilqa' l-hdax-il talba', filwaqt li tichad ir-raba' kontro-talba;*

*11.Tichad it-tnax-il talba;*

*12.Tilqa' it-tlettax-il talba.*

*13.Tilqa' l-erbatax-il talba;*

*14.Tilqa' l-hmistax-il talba.*

*Tichad ukoll is-sitt u s-seba' kontro-talbiet tal-konvenut.*

*Spejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut".*

7. Il-konvenut appella minn din is-sentenza. Jilmenta dwar:

7.1. Apprezzament ħażin tal-provi rigward responsabbilta` għat-tifrik taż-żwieġ;

7.2. Apprezzament ħażin li wassal lill-ewwel Qorti biex tikkonkludi li l-appellant abbanduna d-dar matrimonjali;

7.3. Min għandu jħallas id-djun;

7.4. Apprezzament ħażin tal-provi għal dak li jirrigwarda flus li kien jibgħat lill-familjari tiegħu;

7.5. Li l-ewwel Qorti marret lil hinn minn dak mitlub fid-deċiżjoni dwar l-art fin-Niġerja;

7.6. Apprezzament ħażin tal-provi rigward id-dekadenza tal-partijiet;

7.7. Li ma tħalliex, tardivament, jippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu;

7.8. Li l-Qorti pprovdiet dwar talbiet li ma sarux.

8. L-attriċi appellata wieġbet illi s-sentenza tal-Prim'Istanza hija ġusta u timmerita konferma ħlief fejn tirrigwarda t-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet tagħha. Għalhekk, filwaqt li saħqet li l-appell prinċipali għandu jiġi miċħud, ipprevaliet ruħha minnu sabiex tinterponi appell inċidentali relattiv għall-imsemmija talbiet u tisħaq li dawn ma kellhomx jiġu miċħuda.

Konsiderazzjonijiet.

*L-Ewwel u t-tieni Aggravju – Responsabbilita` għat-tifrik taż-żwieġ.*

9. L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-konvenut ħati għas-separazzjoni minħabba sevizzi, theddid u offiżi gravi. Dan billi kkonsidrat li l-appellant

approfitta mill-ġenerożita` ta' martu u, apparti li ġegħlha tħallas sabiex ħutu jmorru jistudjaw l-Indja, kien beda jibgħat flus mill-qligħ tal-ħanut ta' San Pawl il-Baħar lill-familjari tiegħu u jiżbanka ripetutament ammonti ta' flus mill-kontijiet bankarji tal-appellata tant li prattikament wassalha għall-falliment. Meta fl-aħħar waqfitlu huwa telaq mid-dar matrimonjali. L-ewwel Qorti kkonkludiet li dan seħħ biss ftit jiem wara li l-appellant sar ċittadin Malti. Ikkonsidrat ukoll li wara li l-appellant telaq mid-dar matrimonjali kompla jpoġġi lill-appellata f'sitwazzjoni prekarja billi beda jamministra ħażin il-ħanut ta' San Pawl il-Baħar, iżomm il-profitti għalih u jiġġenera ħafna djun li mbagħad kellha tagħmel tajjeb għalihom l-appellata. Skont l-ewwel Qorti b'dak l-aġir l-appellant ikkawża lil martu torment psikoloġiku, dipressjoni u problemi ta' pressjoni għolja.

10. L-appellant jikkontendi iżda li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi. Jiċħad li kien jittormentaha mentalment u jinsisti li ż-żewġ partijiet kienu hemmhekk għal xulxin matul iż-żwieġ sakemm l-appellata rat il-*'maltemp ġej u li l-Banek ser iduru fuq il-proprjetajiet tagħha'.* Jikkontendi li martu kienet responsabbli għall-ġestjoni tan-negozju bl-istess mod li kien hu u kellha tkun taf x'qed jiġri pero` qal li ma kinitx tieħu nteress. Jisħaq li meta rat l-affarijiet sejrin ħażin, kienet martu li sfurzatu jitlaq 'il barra u għalhekk kien mar jgħix fil-ħanut ta' San Pawl il-Baħar. Jikkontendi li l-verżjoni tiegħu hija aktar kredibbli minn dik ta' martu u għaldaqstant il-Qorti kellha temmen lilu.

11. Għal raġunijiet ta' prattiċita`, dan l-aggravju se jiġi trattat flimkien mal-aggravju dwar l-abbandun tal-appellant mid-dar taż-żwieġ.

12. L-appellant ilmenta li l-ewwel Qorti ddikjarat li hu ħati ta' abbandun, meta kkonkludiet:

> *"Jidher li ftit jiem wara li l-konvenut akkwista c-cittadinanza Maltija, bla esitazzjoni ta' xejn qabad u telaq mid-dar matrimonjali. Huwa minnu li kien hemm diga' hafna dizgwid bejn il-konjugi, pero' c-cittadinanza stess kienet wisq kumbinazzjoni mal-abbandun tieghu".*

13. L-ewwel Qorti qieset għalhekk illi ma kienx hemm raġuni ġusta sabiex l-appellant jitlaq mid-dar matrimonjali u mill-provi jirriżulta biss li l-appellata hija persuna nġenwa li ħalliet lil żewġha japprofitta ruħu minnha.

14. L-appellant jgħid li hawn ukoll sar apprezzament żbaljat tal-provi. Jikkontendi li mhuwiex il-każ li ngħata ċ-ċittadinanza Maltija u mill-provi jirriżulta biss li kien applika għaċ-ċittadinanza. Jgħid li kieku żżewweġ lill-appellata għaċ-ċittadinanza Maltija kien japplika għall-istess qabel u ma kienx ikun daqshekk preżenti fiż-żwieġ inkluż li jieħu ħsieb iben l-appellata u n-negozju. Jgħid li l-gwaj beda meta huwa beda jattendi l-Universita` għaliex l-appellata ma felħitx tarah '*jimmiljora ħajtu waqt li hi kien ser ikollha taħdem iżjed biex tpatti għan-nuqqas ta' l-appellant'.* Żied li huwa minnu li ż-żwieġ tkisser u huwa minnu wkoll li huwa telaq mid-dar iżda kienet l-appellata stess li wasslitu jagħmel hekk.

15. Il-partijiet kif jiġri ħafna drabi f'dawn it-tip ta' kawżi taw verżjonijiet differenti ta' dak li ġara u li wassal sabiex jisfaxxa żwieġ ieħor. Il-Qorti ssemmi:

15.1. Il-partijiet iltaqgħu fl-2002 fuq *online chat room* meta l-appellant kien jgħix fl-Indja u kellu 33 sena, filwaqt li l-appellata kellha 34 sena u kienet tgħix Malta flimkien ma' binha minn żwieġ preċedenti;

15.2. Dak iż-żmien l-appellata kienet *self employed* u tiġġestixxi ħanut li jbiegħ il-*groceries* f'Ħal Qormi li hija kienet xtrat u armat fl-1993, matul l-ewwel żwieġ tagħha. Meta l-appellata nfirdet minn mal-ewwel raġel, in-negozju għadda f'idejha b'kuntratt ta' separazzjoni tal-11 ta' Diċembru 2001 u kienet taħdem b'VAT *number* f'isimha.[3] Tgħid li fuq dan in-negozju hija ma kellhiex dejn u anzi kienet tirreġistra qligħ tajjeb;[4]

15.3. L-appellata kellha wkoll: (i) garaxx kbir f'Ħal Qormi li kienet akkwistat fiż-żwieġ preċedenti tagħha u ġie assenjat lilha bis-saħħa ta' kuntratt ta' separazzjoni; (ii) appartament f'Ħal Qormi li kien ġie wkoll akkwistat fiż-żwieġ preċedenti u assenjat lilha bis-saħħa ta' kuntratt ta' separazzjoni; (iii) sehem indiviż ta' dar Birkirkara li wirtet mingħand

---

[3] Fol. 70.
[4] Fol. 69.

missierha; (iv) nofs indiviż ta' *boat house* l-Mellieħa li wkoll wirtet mingħand missierha; kif ukoll (v) vettura li ġiet assenjata lilha bil-kuntratt ta' separazzjoni miż-żwieġ preċedenti tagħha;

15.4. L-appellata tgħid li kienet tieħu gost tikkorrispondi mal-appellant u eventwalment ikkonvinċiha sabiex tagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex huwa jiġi Malta u jippruvaw jidraw lil xulxin u jibnu familja. Għal dan il-għan, hija tħabtet biex jingħata *visa,* bagħtitlu xi ħaġa żgħira tal-flus u xtratlu biljett tal-ajru lejn Malta;

15.5. L-appellant wasal Malta fit-28 ta' Jannar 2003 u skont l-appellata kull ma ġab miegħu kienu xi erba' kotba. Madanakollu hu jgħid li kellu wkoll somma ta' flus kontanti li pero` ma kinitx aktar minn €500.[5] L-appellant beda jgħix flimkien mal-appellata fil-garaxx li kellha f'Ħal Qormi li hija kienet ikkonvertiet f'terran. Matul il-ġurnata kien imur il-ħanut magħha u filgħaxija ġieli kienu joħorġu flimkien. L-appellata xehdet li bħala karattru kienu jaqblu;[6]

15.6. L-appellant jgħid li minn dejjem kien jgħid lill-appellata li ried ikompli bl-istudji tiegħu iżda dak iż-żmien l-appellata talbitu jipposponi

---

[5] Xhieda tal-appellant tal-4 ta' Marzu 2016.
[6] Fol. 51.

sabiex jikkonċentraw fuq il-*business* flimkien u hu aċċetta. Kienu jaħdmu ħinijiet twal fil-ħanut;[7]

15.7. Il-partijiet iżżewġu fir-Reġistru Pubbliku, il-Belt Valletta, fis-17 ta' Ġunju tas-sena 2003. L-appellant jgħid li l-intenzjonijiet tiegħu kienu sinċiera[8] tant li kien jistma' lill-iben l-appellata minn żwieġ preċedenti bħala ibnu u kien jagħmel ħiltu biex jgħinu fl-iskola minkejja l-oġġezzjoni tal-appellata stess u ommha li kienu tal-fehma li t-tifel ma kienx kapaċi għall-istudju għaliex *dyslexic*.[9] Il-partijiet m'għandhomx tfal bejniethom;

15.8. Ftit jiem wara ż-żwieġ, fl-4 ta' Awwissu 2003, il-partijiet irreġistraw kumpanija bl-isem *The Pathfinders Company Limited* li tagħha kienu azzjonisti u diretturi. L-iskop ta' dik il-kumpanija kien li tmexxi l-ħanut f'Malta. Għalhekk applikaw għan-numru ta' reġistrazzjoni tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud.[10] Kontemporanjament fetħu kumpanija oħra ġewwa n-Niġerja bl-isem *Compass Navigator Co. Ltd* sabiex isir xiri ta' ħwejjeġ mill-Indja li kellhom jinbiegħu minn ħut l-appellant fin-Niġerja, u b'hekk il-familja tal-appellant fin-Niġerja tkun tista' tgħix bil-qligħ li jsir minn dak in-negozju. L-appellata tgħid li

[7] Fol. 1496, 1498.
[8] Fol. 1496.
[9] Fol. 1497.
[10] Xhieda tal-appellata tal-14 ta' Mejju 2015.

l-ewwel kunsinna ħwejjeġ, eskluż spejjeż ta' trasport u l-ispejjeż għall-formazzjoni tal-kumpanija, swiet €7,710.65 li ħarġet minn butha;

15.9. L-appellata qalet li l-karattru tal-appellant beda jmur mill-ħażin għall-agħar, tant li sa sena biss wara ż-żwieġ kien persuna kompletament differenti. Fis-17 ta' Frar 2004 ġab il-liċenżja tas-sewqan u kien joħroġ waħdu u jsib kull skuża biex jiskarta x-xogħol u ma toħroġx miegħu. Tgħid ukoll li kien jikkmandaha u meta kien ikollhom xi jgħidu ma kienx ikellimha sakemm jakkwista li jrid;

15.10. L-appellant min-naħa tiegħu jiċħad li kellhom problemi dak iż-żmien.[11] Jgħid li bil-ħila tagħhom it-tnejn, il-*business* kiber tant illi ddeċidew li japplikaw għal self mingħand il-bank sabiex jikru fond ieħor biswit il-ħanut ta' Ħal Qormi u jnifduħ ma tagħhom;[12]

15.11. Skont l-appellata fl-2005 l-appellant ried jiftaħ ħanut ieħor li kellu jieħu ħsiebu hu sabiex ikollhom dħul ieħor. Tgħid li din l-idea għoġbitha għaliex dan kien ifisser li setgħu jixtru kwantitajiet akbar ta' *stock* u hekk jibbenefikaw minn prezzijiet orħos mingħand l-aġenti. Xehdet li riedet tixtri ħanut f'post li jkun tajjeb bħala investiment iżda l-appellant ried jikri. Tgħid li hija baxxiet rasha u f'Mejju 2005 krew

[11] Fol. 1497.
[12] Fol. 1496.

garaxx/maħżen f'San Pawl il-Baħar[13] u kkonvertewh f'ħanut. Il-kirja saret f'isimhom personali. Biex fetħu dan il-ħanut il-partijiet ħadu self mingħand il-bank u l-appellata tat il-garanzija bil-proprjeta` parafernali. Parti żgħira minn din is-somma, li skont l-appellata mhux iktar minn Lm6,200, intefqu fil-ħanut ta' Ħal Qormi, filwaqt li somma ta' mill-anqas Lm80,000 intużat sabiex jintrama' l-ħanut ta' San Pawl.[14] L-appellant jgħid li x-xogħol tal-elettriku għamlu hu personalment mhux biss fil-ħanut ta' San Pawl iżda wkoll f'dak ta' Ħal Qormi għaliex kien qed ikollhom ħafna *short circuits* bil-*wiring* l-antik;[15]

15.12. Fl-istess waqt f'Lulju tal-2005 l-appellata kellha bżonn tagħmel operazzjoni urġenti u b'hekk tat lill-appellant aċċess għall-*pin numbers, internet keys, internet banking u credit cards* tagħha sabiex jieħu ħsieb il-ġestjoni tal-ħanut ta' Ħal Qormi;[16]

15.13. Il-ħanut ta' San Pawl il-Baħar infetaħ fl-2006[17] u l-VAT *number* tal-kumpanija *The Pathfinders Company Limited* beda jintuża wkoll għal dan il-ħanut.[18] Skont l-appellata, f'dan il-punt, il-komunikazzjoni bejn il-partijiet marret lura billi hija kienet tkun ħinijiet twal fil-ħanut f'Ħal-Qormi u żewġha kien ikun fil-ħanut ta' San Pawl il-Baħar jew idur

---

[13] Fol. 124 *et seq*.
[14] Fol. 78.
[15] Fol. 1497.
[16] Fol. 58 u 1496.
[17] Fol. 79.
[18] Xhieda tal-appellata tal-14 ta' Mejju 2015.

barra.[19] Madanakollu l-appellata tgħid li sal-2007 kienet involuta fil-ġestjoni ta' dan il-ħanut billi kienet tiffirma l-*invoices* u tiċċekkja l-*orders* u d-*deliveries*[20] u d-dħul kien tajjeb daqs tal-ħanut ta' Ħal Qormi.[21] Xehdet li x-xiri għaż-żewġ ħwienet kien isir f'daqqa u ma kinux isiru konteġġi separati għal dan il-għan, għalkemm kienu jinżammu konteġġi separati għall-bejgħ. Iżda l-flus miż-żewġ ħwienet kienu finalment jinġabru u jiġu depożitati f'daqqa;[22]

15.14. Fl-2007 l-appellant ġab liċenzja biex isuq *truck* li skont l-appellata xtara mingħajr ma qalilha.[23] Dan fost ħafna spejjeż oħra sabiex: jixtri ħwejjeġ tad-ditta; jixtri kotba għalih u għal ħutu; iħallas *Skype calls* barra minn Malta; jittrasferixxi ammonti ta' flus lil familjari tiegħu kif ukoll lil nies li l-appellata ma tafx min huma; jixtri *mobiles* u *laptops* għal ħutu u għal ħbiebu, *security cameras* u *laptops*; imur jiekol fl-aqwa *restaurants* waqt li l-appellata tkun il-ħanut. Skont l-appellata, l-appellant kien jagħmel ukoll ħafna spejjeż għall-ħwienet li ma kinux neċessarji;

15.15. L-appellant jgħid li fl-2008 l-appellata kienet finalment aċċettat li huwa jibda jattendi l-Universita` f'Malta. F'dik is-sena stess kien ġie aċċettat sabiex jibda jistudja *Communication and Computer*

[19] Fol. 59.
[20] Fol. 80.
[21] Fol. 79.
[22] Fol. 80.
[23] Fol. 54.

*Engineering* fid-Dipartiment tal-IT. In kontro-eżami l-appellant spjega li dan kien il-punt meta r-relazzjoni bejn il-partijiet ħżienet.[24] Skontu l-appellata kienet urtata meta huwa daħal l-Universita` għaliex, minkejja li kien jagħmel ħiltu biex jgħinha fil-ġestjoni tal-ħwienet, kienet tilmenta li ma kienx qiegħed jgħinha bħal qabel. Eventwalment kienu qablu li jbiegħu l-*business* ġestit mill-ħanut ta' San Pawl il-Baħar u huwa sab persuna nteressata iżda l-appellata m'aċċettatx l-offerta;[25]

15.16. Da parti tagħha l-appellata xehdet li l-atteġġament tal-appellant baqa' sejjer għall-agħar[26] u mis-sena 2008 ma baqax itiha rendikont tal-ġestjoni tal-ħanut f'San Pawl il-Baħar.[27] Tgħid ukoll li huwa beda jmexxi dan il-ħanut b'mod negliġenti[28] u jżomm id-dħul kollu għalih jew jgħaddihom lil terzi[29] inkluż barra minn Malta*;*[30]

15.17. L-appellant da parti tiegħu ċaħad li għamel xi trasferimenti li l-appellata ma kinitx taf bihom.[31] Jgħid li l-flus dejjem hi ħadet ħsiebhom u li l-*internet keys* tal-bank kienu f'*cupboard* li t-tnejn li huma kienu jafu bihom. Iżid li l-qligħ mill-ħanut ta' San Pawl il-Baħar kien jieħdu d-dar

[24] Xhieda tal-appellant tas-26 ta' Ottubru 2015.
[25] Fol. 1498, u xhieda tal-appellant tas-26 ta' Ottubru 2015.
[26] Fol. 51.
[27] Fol. 80.
[28] Fol. 55.
[29] Fol. 57.
[30] Fol. 58.
[31] Xhieda tal-appellat tal-14 ta' Diċembru 2015.

u hija kienet iżżidu ma' dak tal-ħanut f'Ħal Qormi u mbagħad kien imur jiddepożitah l-bank hu;[32]

15.18. Fl-2008[33] il-partijiet siefru n-Niġerja u hemm allegatament xtraw biċċa art tal-kejl ta' 15.252 ejker (*acre*) versu l-prezz ta' *three million, fifty thousand and four hundred Naira*[34] llum ekwivalenti għal €6,313.36. L-appellanti tgħid li dak iż-żmien dawn kienu jammontaw għal Lm6,591.74 iżda meta wieħed jgħodd l-ispejjeż kollha ta' taxxi, dokumentazzjoni, aġent, reġistrazzjoni u spejjeż oħra l-art b'kollox swiet Lm11,568 (€26,946). Qiegħed jingħad li din l-art 'allegatament' inxtrat mill-partijiet għaliex il-kuntratt relattiv eżebit in atti la jindika l-ġurnata u lanqas ix-xahar meta sar l-akkwist. Hemm biss indikat li sar fl-2009. Skont ċertu Ade Oriade, li ħaditilhom ħsieb il-formalitajiet neċessarji, wara l-iffirmar tal-kuntratt relattiv l-art riedet tiġi reġistrata f'isimhom mal-Gvern Niġerjan, iżda kien hemm ftehim li l-partijiet jistennew li jieħdu pussess fiżiku tal-art qabel jirreġistrawha.[35] Ma jirriżultax li tali reġistrazzjoni saret u fl-4 ta' Diċembru 2009 l-istess art ġiet '*compulsorily acquired'* mill-Gvern Niġerjan għal skop pubbliku.[36] Skont *emails* ippreżentati mill-appellata nnifisha, il-partijiet m'għandhomx jedd għal kumpens tal-art *per se* mill-Gvern Niġerjan

[32] Xhieda tal-appellant tas-26 ta' Ottubru 2015.
[33] Fol. 1499.
[34] Fol. 1420.
[35] Fol. 1436.
[36] Fol. 1434.

iżda huma ntitolati biss għal xi miljoramenti li setgħu saru fuqha, li ma jidhirx li kien hemm;[37]

15.19. Wara ż-żjara fin-Niġerja l-partijiet baqgħu sejrin l-Indja flimkien ma' tnejn minn ħut l-appellant. Dawn tal-aħħar baqgħu hemm a spejjeż tal-kumpanija sabiex ikomplu l-istudji terzjarji tagħhom. Magħhom baqa' wkoll iben l-appellata biex jistudja l-IT;

15.20. Skont l-appellata, sas-sena 2009 l-appellant kien jinjoraha totalment. Madanakollu hija tgħid li baqgħet tħallas il-kirja tal-ħanut f'San Pawl il-Baħar sal-aħħar tal-2009[38] u xehdet ukoll li f'Diċembru 2009 iffirmat l-applikazzjoni sabiex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija.[39] Ftit jiem wara, tgħid li hija ġabret il-karti kollha li setgħet issib (erba' basktijiet) dwar il-pagamenti li kien qiegħed jagħmel u poġġiethom fil-van tagħha li sakret. Ħadet ukoll l-*internet keys* u l-*credit cards* tal-kontijiet tal-bank tagħha u ta' binha mill-basket tal-appellant. Tgħid li meta huwa nduna rrabja u tant beżgħat li ssakkret fil-kamra tal-banju sal-għada filgħodu sakemm sar il-ħin li tmur tiftaħ il-ħanut. Żiedet li l-appellant kien imbagħad mar il-ħanut u taha ċ-ċwievet tal-fond fejn kienu jirrisjedu u wara dakinhar ma reġax mar lura d-dar;[40]

[37] Fol. 1433 – 1434.
[38] Fol. 74.
[39] Fol. 59 , 60.
[40] Fol. 60.

15.21. Da parti tiegħu l-appellant jgħid li l-appellata kienet tkun irritabbli u tgħajjat ħafna miegħu, ukoll quddiem il-klijenti u kien għalhekk li kien ftit miġbud dik il-ġimgħa li ġġieldu. Jgħid li minkejja li kienu għadhom jikkomunikaw, l-appellata rrabjat ħafna miegħu għaliex ma kienx qed ikellimha u qabel ma telqet mid-dar qaltlu li jekk ma jitlaqx hu min rajh kienet ser tagħmel suwiċidju. Jgħid li kien għalhekk li ċempel lill-ommha li wara li tkellmet mal-appellata qaltlu li mhijiex ser tirritorna d-dar qabel jitlaq hu. Xehed li dak il-lejl l-appellata rritornat id-dar tard '*she was throwing things and she said I have to leave the house'.* Jgħid li għalhekk l-għada filgħodu, kien ta l-għajnuna, u mbagħad telaq lejn il-ħanut ta' San Pawl il-Baħar u ma marx lura d-dar;[41]

15.22. Minn dakinhar l-appellant beda jgħix fil-ħanut ta' San Pawl il-Baħar li huwa baqa' jiġġestixxi. L-appellata tgħid li sa dak iż-żmien huwa kien akkumula dejn ta' €50,000 f'merkanzija għall-istess ħanut;[42]

15.23. Bejn Diċembru tal-2009 u Ġunju tal-2010 l-appellata ħallset madwar €28,000 għad-dejn li kellha mal-Bank[43] iżda d-dejn ma naqasx għaliex l-appellant talab estensjonijiet fuq *credit cards* u *overdrafts;*

---

[41] Xhieda tal-appellant tas-26 ta' Ottubru 2015.
[42] Fol. 74.
[43] Fol. 80 – 81.

15.24. Fil-frattemp l-appellant kompla jakkumula dejn mal-ARMS Ltd, mal-GO plc., mal-Gvern għall-ħlas tal-liċenzja tal-ħanut[44] u ma' sidien il-kera;[45]

15.25. Fil-mori tal-kawża l-appellata biegħet 36, Hudson, Triq is-Sajf, Ħal Qormi għall-prezz ta' €104,800 (kuntratt 14 ta' Ottubru 2011), li minnhom €12,576 tħallsu taxxi u mill-prezz tħallas parti mid-dejn mal-bank.[46] Skont rendikont tal-HSBC (Dok. HSBC7),[47] dakinhar li sar il-bejgħ tħallset is-somma ta' €39,624.29 fil-kont ta' *The Pathfinders Co. Ltd.* (kont li jispiċċa bin-numru 340).

15.26. Kien hemm bilanċ ta' €210,000 saret kostituzzjoni ta' debitu mal-Bank (kuntratt tat-22 ta' Mejju 2012)[48] iżda l-appellant ma kienx iħallas il-parti tiegħu tal-pagamenti li kellhom isiru kull xahar skont l-istess skrittura. Min-naħa l-oħra l-appellata kienet qiegħda tħallas. Fil-21 ta' Novembru 2013 biegħet ukoll id-dar li wirtet mingħand missierha f'Birkirkara lil binha għall-prezz ta' €105,000.[49] B'dawk il-flus tħallsu €11,340.11 fuq mandat ta' sekwestru għal xorb u oġġetti li xtrat il-kumpanija *The Pathfinders*,[50] €77.40 spejjeż legali relattivi u €7,350 taxxa. Il-bilanċ li kien fadal mill-prezz, fl-ammont ta' €86,232.60, tħallas

---

[44] Fol. 75.
[45] Fol. 1296.
[46] Fol. 71 u 105 *et seq*.
[47] Fol. 1164.
[48] Fol. 113 *et seq*.
[49] Fol. 1354.
[50] Fol. 1324 *et seq*.

lill-Bank u b'hekk kien għad fadal bilanċ ta' €121,385.17. Ħallset ukoll €2,630.91 spejjeż notarili. Sabiex tħallas il-bilanċ tad-dejn lill-Bank, fit-30 ta' Lulju 2014 l-appellata biegħet ukoll il-ħanut ta' Ħal Qormi lil binha għall-prezz ta' €100,000[51] u peress li lanqas dan ma kien biżżejjed sabiex tħallas id-dejn mal-bank, fl-14 ta' Ottubru 2014 biegħet ukoll l-appartament fejn kienet tgħix f'Ħal Qormi[52] għall-prezz ta' €66,000 lil terzi.[53] Kellha għalhekk tmur tgħix ma binha;[54]

15.27. L-appellant ħareġ mill-ħanut ta' San Pawl il-Baħar fl-2013 meta nqatgħatlu l-provvista tad-dawl u l-ilma peress li ma kienx qiegħed iħallas.[55] Mill-provi ma jirriżultax li l-appellant għamel xi pagamenti b'referenza għad-dejn mal-HSBC Bank Malta plc u li dwaru iffirmaw, flimkien mal-appellata, il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu.

16. Il-Qorti m'għandhiex dubju li l-appellata ma kinitx persuna vulnerabbli meta ltaqgħet mal-appellant *online.* Kellha diġa` 34 sena u b'esperjenza ta' żwieġ preċedenti. Kellha wkoll tifel li kien imur l-iskola sekondarja u għalhekk kienet ukoll iġġorr din ir-responsabbilita`. Dan apparti li hija minn dejjem kellha n-negozju tagħha li rnexxielha tibni matul is-snin. Fatt korraborat mill-awditur Joseph Sammut.[56] Din il-Qorti

[51] Fol. 1367 *et seq*.
[52] Appartament 2, blokk 6, Mark's Flats, Triq Dun Gwakkin Schembri, Qormi.
[53] Fol. 1378 *et seq*.
[54] Fol. 1296.
[55] Fol. 1323b.
[56] Fol. 245.

mhijiex konvinta li l-appellata kienet inġenwa meta bdiet relazzjoni mal-appellant.

17. Kollox jindika li l-appellata bdiet ir-relazzjoni mal-appellant għaliex riedet u kienet taf x'qiegħda tagħmel u għal dak li kienet dieħla għalih. L-attriċi kienet taf li l-appellant kien ser jiġi Malta b'ta' fuqu senduqu, u għamlet dak li setgħet sabiex tinħariġlu *visa* u jiġi jgħix Malta. Saħansitra ħallsitlu l-vjaġġ u laqgħatu f'darha.

18. Għalkemm l-appellata tgħid li malli żżewġu l-atteġġament tal-appellant inbidel, jibqa' l-fatt li l-koppja baqgħet tgħix flimkien għal sitt snin sħaħ, fetħu kumpanija u negozju f'San Pawl il-Baħar u kienu jsiefru flimkien fuq btala u xogħol. Ovvjament ma jfissirx li ma kienx hemm ukoll mumenti ta' diżgwid, wara kollox kif ikollhom koppji oħra.

19. Min-naħa l-oħra l-Qorti ma tqisx kredibbli l-verżjoni li rrakkonta l-appellant li fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2015 ta x'jifhem li l-inkwiet inqala' mix-xejn meta kien beda jistudja l-Universita`. Fosthom semma inċident dwar bużżieqa li kienu ġabu miċ-Ċina u li kien hemm okkazzjoni oħra meta l-appellata bdiet tgħajjat u telqet mid-dar u:

> *"Before she left home she said that if I do not sell (recte, leave) this house she is not going to (come) back again...... When she came into the house that night she was quite late. She was throwing things and she said I have to leave the house. And in the morning, after helping her, I left to St. Paul's Bay, and I did not come back. I slept at St Paul's Bay, at the shop".*

20. Perjodu ta' ġimgħa li fiha qal li ma kinux qegħdin jitkellmu. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen li f'perjodu ta' ġimgħa ż-żwieġ sfaxxa. Tara stramb ukoll kif l-appellant l-ewwel ried li l-koppja tiftaħ negozju San Pawl il-Baħar u għal dan sar investiment konsiderevoli li kien jinkludi self mingħand l-HSBC Bank Malta plc (l-ammont li jissemma fis-*sanction letter* datata 15 ta' Ġunju 2009 hu €229,034 – fol. 150)[57], imbagħad l-appellant ftit snin wara agħżel li jibda jistudja l-Universita` ta' Malta. Evidenti li dik id-deċiżjoni tal-appellant kompliet iżżid it-tensjoni bejn il-koppja għaliex il-ħanut kien qiegħed jitħalla f'idejn l-impjegati peress li l-appellant kien imur l-Universita`. Minn hemm 'il quddiem in-negozju ta' San Pawl il-Baħar ħa daqqa ta' ħarta. Tant l-appellant tilef l-interess li xehed li kien beda jipprova jsib akkwirenti tan-negozju ta' San Pawl il-Baħar u sab lil ċertu Ludvic li kien offra €80,000. Dan meta d-dejn li kellha l-kumpanija mal-HSBC kien ħafna iktar minn hekk.

21. L-appellant xehed ukoll li martu kienet qiegħda tmur il-ħanut ta' San Pawl il-Baħar u tieħu merkanzija. Pero` semma biss darbtejn u ma qalx x'kienu l-oġġetti li ħadet. Għalkemm qal li l-appellata kienet *"sabotaging me at the shop, she was coming to pack to take things away from the shop"*, m'hemmx provi sodisfaċenti f'dan ir-rigward.

[57] Self diġa` eżistenti ta' €42,684 u overdraft ta' €186,350.

22. Hekk ukoll l-appellant naqas milli jispjega b'mod sodisfaċenti kif għalkemm irreġistraw kumpanija għan-negozju, imbagħad spiċċa applika u nħariġlu numru tal-VAT f'ismu personali u beda jagħmel in-negozju mill-ħanut b'dak in-numru. Inoltre, ma tax spjegazzjoni sodisfaċenti għalfejn ġie żmien fejn minflok jagħmel pagamenti għad-dejn li l-kumpanija kellha mal-bank, kien qiegħed jibgħat flus barra minn Malta lill-familjari u persuni oħra. Għalkemm l-appellant qal li martu kienet qiegħda tagħmillu atti ta' sabotaġġ dwar in-negozju ta' San Pawl il-Baħar, ma ressaq l-ebda prova li tista' tikkonvinċi lil din il-Qorti. Il-Qorti ssibha ferm diffiċli li temmen li martu kienet qiegħda tagħmel xi atti simili meta ovvjament kien fl-interess tagħha li n-negozju jitkattar u jitħallas id-dejn konsiderevoli li kien hemm. Dejn li eventwalment kellha tagħmel tajjeb għalih bil-ġid personali tagħha.

23. Dwar l-infieq min-naħa tal-appellant, mill-atti jirriżulta li l-appellata tat aċċess lill-appellant għall-kontijiet bankarji tagħha f'Lulju 2005 meta kellha tagħmel operazzjoni f'darha. Dan kien wara li krew il-ħanut ta' San Pawl il-Baħar. F'dak iż-żmien l-appellat kien għamel is-sistema tal-elettriku fil-fond li krew kif ukoll xogħlijiet oħra fil-ħanut ta' Ħal Qormi li kien imexxi sakemm l-appellata kienet konvalexxenti.

24. Minn Dok RC1[58] jirriżulta li fl-2004 l-appellant għamel tmien trasferimenti bil-*Western Union* lil Jain Shilpi, Pathfinder Jesse Tenaowe

[58] Fol. 289 *et seq.*

Tonwuru, Philip Pathfinder Tonwuru u Pathfinder Isreael Panamobowei Tonwuru li b'kollox jammontaw għal Lm1,442.61. Bejn Jannar u Ġunju 2005 saru wkoll tmien trasferimenti lil Johnson Ikechukwu Ndubueze, Pilot Ebipade Asabase, Pathfinder Isreael Panamobowei Tonwuru u Jain Shilpi fis-somma komplessiva ta' Lm920.09. Dan kien qabel l-appellata allegatament tat aċċess lill-appellant għall-*internet banking* u *credit cards* tagħha f'Lulju tal-2005. Verament li dak iż-żmien il-partijiet diġa` kellhom kumpanija bejniethom u għalhekk probabbilment l-appellant kellu aċċess għall-kontijiet bankarji tal-istess iżda kollox jindika li l-appellata kienet konxja dwar dawn it-trasferimenti. Aktar minn hekk, l-appellant jgħid li Jain Shilpi hija avukat fl-Indja li huwa kien qabbad sabiex jikseb lura flus li l-appellata kienet minnhom ġiet iffrodata minn raġel ta' nazzjonalita` Indjana li miegħu kellha relazzjoni preċedenti.[59]

25. Fit-tieni parti tal-2005 il-pagamenti li saru mill-appellant bil-*Western Union* kienu erbgħa għas-somma ta' Lm652.50. Tlieta minnhom saru lill-ħuħ Israel filwaqt li l-pagament l-ieħor sar lill-imsemmija avukat. Fl-2006 saru tmien pagamenti fl-ammont ta' Lm1,853.45. Il-ħlas sar lill-aħwa tal-appellant ħlief pagament ta' Lm90.50 lill-avukat fl-Indja. Fl-2007 saru ħmistax-il pagament fis-somma ta' Lm2,583.41. Il-maġġior parti ta' din is-somma kienet trasferita lil ħut l-appellant salv pagament li l-appellant għamel lilu nnifsu u ieħor lil Pius Omeike. Fl-2008 l-appellant għamel

[59] Fol. 1498.

erba' trasferimenti fis-somma komplessiva ta' €4,995.2. Żewġ pagamenti minnhom kienu lil ħutu, pagament ieħor lil ċertu Pilot Asabase li jgħid li huwa kuġin tiegħu u somma oħra lil Babaatunde Odesilo. Il-pagamenti fl-2009 kienu tnax fis-somma totali ta' €8,910.18. Fost pagamenti lill-ħbieb u nies mhux magħrufa, il-maġġiorparti tal-pagamenti saru lil Pilot Asabase li skont l-appellant kien qed jieħu ħsieb l-akkwist tal-art fin-Niġerja *a nom* tal-partijiet. Skont l-appellant dawn kienu '*extra costs'* apparti s-somma trasferita mill-partijiet fuq il-ftehim ta' akkwist innifsu.[60]

26. Dan apparti flejjes sostanzjali oħra li l-appellant kien jiġbed minn kontijiet bankarji f'isem l-appellata[61] u li dwarhom ma ta l-ebda spjegazzjoni fid-difiża tiegħu.

27. Jinftiehem għalhekk għalfejn mill-2008 l-appellata saret partikolarment irritabbli mal-appellant u mimlija tensjoni. Dan mhux biss minħabba t-trasferimenti sostanzjali fuq imsemmija iżda wkoll minħabba l-indipendenza li l-appellant assuma meta beda l-kors tal-Universita` magħdud mal-fatt li ma kienx qiegħed ilaħħaq mal-ġestjoni tal-ħanut ta' San Pawl il-Baħar sal-punt li n-negozju f'daqqa waħda beda sejjer ħażin.[62] Il-partijiet kienu daħlu għal dejn konsiderevoli mal-HSBC b'referenza għan-negozju ta' San Pawl il-Baħar u ġie żmien fejn l-

[60] Xhieda tal-appellant tal-14 ta' Diċembru 2015.
[61] Fol. 80, 81, 84, 213 *et seq*. Tal-aħħar hu rendikont tal-kont HSBC f'ismu u minn fejn jirriżulta li fl-2008 kien bagħat mijiet ta' ewro n-Niġeria u wkoll l-Indja.
[62] Fol. 245.

appellant ta importanza għall-istudju u ttraskura n-negozju. Evidenti li għall-appellata ma kienx possibbli li tlaħħaq ma' żewġ negozji. Jidher li l-appellant tilef l-interess fin-negozju u dan wassal biex inħoloq iktar tensjoni bejn il-koppja li eventwalment wassal biex iż-żwieġ tkisser.

28. Jidher li l-appellata kienet qiegħda tagħmel ħilitha sabiex tkompli bil-ħajja miżżewġa billi marret in-Niġerja mal-appellant sabiex iżuru lill-familja tiegħu u hemm aċċettat li hi u żewġha jixtru art. Madankollu sal-aħħar tal-2009 jidher li l-infiq u l-atteġġament tal-appellant kienu ddeġeneraw sal-punt tali li l-appellata ħaditlu l-*internet banking keys* u *credit cards* flimkien ma' erba' basktijiet dokumenti.

29. Il-Qorti m'għandhiex dubju li f'dak il-punt l-appellata riedet ittemm ir-relazzjoni mal-appellant u għal dan ma jaħti ħadd ħlief żewġha. Irrispettivament jekk kinitx l-appellata li qalet lill-appellant biex jitlaq mid-dar jew kienx l-appellant li telaq, hu evidenti li dan iż-żwieġ kien ħabat mal-blat u ma kienx hemm iktar tama għalih.

30. Għalhekk il-Qorti ma tqisx li jeżistu provi ċari sabiex jingħad li l-appellant hu ħati ta' abbandun. Lanqas ma jista' jingħad li l-appellant abbanduna lill-appellata wara li ottjena ċ-ċittadinanza Maltija, għaliex l-applikazzjoni kienet għadha pendenti mal-awtoritajiet. Il-Qorti żżid li wkoll jekk kien il-konvenut li telaq mid-dar, kien hemm diġa` nkwiet serju fiż-

żwieġ u ma kien ser jagħmel l-ebda differenza. F'dak l-istadju jidher li ħadd mill-partijiet ma kien interessat li jkompli bħala koppja, tant hu hekk li m'hemmx prova waħda li sar tentattiv ta' rikonċiljazzjoni. L-interess kien ilu li ntilef minn kull naħa.

31. Għalhekk, filwaqt li l-Qorti tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant, tilqa' t-tieni aggravju fir-rigward tal-allegazzjoni li l-firda seħħet minħabba li l-konvenut abbanduna lil martu.

*<u>It-Tielet Aggravju – Il-Ħlas tad-Djun</u>.*

32. L-appellant jilmenta li huwa kien ilu sentejn li telaq mid-dar matrimonjali meta l-appellata bdiet il-proċeduri għall-firda u dak iż-żmien kien diġa` jeżisti dejn konsiderevoli. L-appellant jikkontendi wkoll li l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkundannah iħallas id-djun ta' *The Pathfinders Co. Ltd.,* liema kumpanija għandha personalita` ġuridika distinta, u lanqas ma kellha tordna li din il-kumpanija għandha tiġi xolta. Jirreferi wkoll għall-allegat dejn dovut lill-aġent Taljan għal ordni ta' merkanzija u jgħid li ma tressqet l-ebda prova fir-rigward. F'kull każ, isostni li dan l-allegat dejn huwa tal-kumpanija u llum jinsab preskritt. Dwar id-djun tal-komunjoni tal-akkwisti, fosthom *loans* li ttieħdu mill-banek, arretrati tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma, kirjiet, VAT, *income tax,* kontijiet tat-*telephone*, kif ukoll arretrati tal-ħlas ta' liċenzji, jgħid li dawn għandhom jitħallsu nofs

bin-nofs u fejn l-istess diġa` tħallsu mill-appellata, hija għandha d-dritt titolbu biss nofs dak li ħallset.

33. F'dan ir-rigward intqal hekk fis-sentenza appellata:

> *"... il-provi prodotti jikkonfermaw li l-verzjoni tal-attrici hija l-aktar wahda kredibbli u l-isfruttament taghha da parti tal-konvenut ma jistax jigi injorat. Tenut kont ta' dan kollu* ***dina l-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghas-segwenti debiti****:-*
>
> *• is-somma ta' €6,314, inkluz l-interess u l-ispejjes skond is-sentenza tal-Bord tal-Kera datata 3 ta' Ottubru, 2013 fl-ismijiet Maria Assunta Camilleri vs Timothy Tonwuru u Marisa Tonwuru fuq l-arretrati ta' kera bejn Lulju, 2012 u Ottubru, 2012;*
>
> *• is-somma mhallsa lil Go plc. ghal-linja tal-hanut f'San Pawl fl-ammont ta' €349.42;*
>
> *• is-somma jekk jigi deciz hekk fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet ARMS Ltd. vs Marisa Tonwuru u Timothy Tonwuru ARB 3850/2013, liema somma giet ridotta ghal €30,960.38 u liema somma hija kkontestata mill-attrici;*
>
> *• kwalsiasi somma li tista' tkun dovuta lil Syneos Srl. wara li saret pretensjoni ta' €12, 276.63 sas-sena 2014, ghall-merkanzija mhux imhallsa, izda sal-lum ma kinux ittiehdu proceduri;*
>
> *• il-pretensjoni ta' Charles Grech Company Limited vs The Pathfinders Company Limited u l-partijiet personalment ghas-somma ta' €11, 340.11, jekk is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 16 ta' Jannar, 2017 tigi kkonfermata fl-appell;*
>
> *• kwalsiasi ammont li jista' jkun dovut skond id-decizjoni tal-kawza fl-ismijiet F.S. Manduca Limited vs Marisa Tonwuru u Timothy Tonwuru (704/2014), mis-somma pretiza ta' €911.05;*
>
> *• kwalsiasi arretrati ta' income tax, Vat, kif ukoll multi tal-MFSA. Hemm ukoll dejn ta' €699.04 li jirrapprezentaw arretrati fuq il-hlasijiet tal-licenziji;*
>
> *Ghandu jigi premess ukoll li jekk kemm il-darba tispicca thallas dawn l-ammonti l-attrici personalment jew ghan-nom tas-socjeta' Pathfinders Company Limited ikollha dritt ta' indenizz kontra l-konvenut;*

*• Is-socjeta' The Pathfinders Company Limited illum m'ghandha ebda funzjoni u ghalhekk ghandha tigi xolta, b'dana pero' li l-ispejjez tal-istess ghandhom jinqasmu bin-nofs, filwaqt li l-konvenut jibqa' responsabbli ghal kwalsiasi dejn dovut mill-istess socjeta' mis-sena 2009 'l hemm;*

*Dwar is-socjeta' Pathfinders Company Malta Limited ma ngabu ebda provi u ghaldaqstant, dina l-Qorti mhix se tehodha in konsiderazzjoni ai finijiet tal-assenjazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni.*

*• Jirrizulta li l-konvenut ittrasferixxa diversi somom ta' flus kemm mill-kontijiet personali tal-attrici u dawn jammontaw ghal €17, 781.91, kif ukoll €35,756.77 li baghat tramite l-Western Union. Oltre dan hemm is-somma ta' €28,000 li hallset inizjalment l-attrici fuq il-loan u dan mill-qliegh tal-hanut ta' Hal Qormi, flimkien mas-somma ta' €375,800 li hallset l-attrici lill HSBC Bank Malta plc. permezz tal-bejgh tal-proprjeta' parafernali kollha taghha (inkluz l-pre-tax u capital gains). Ta' dawn id-debiti ghandu jinzamm responsabbli ukoll il-konvenut ...*"

34. L-Artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

*"Atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux magħmula in relazzjoni ma' dik is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja".*

35. Mifhum fil-kuntest tal-Artikoli 1316 *et seq*. tal-Kodiċi Ċivili dwar il-komunjoni tal-akkwisti dan ifisser illi:

*"Bl-artikolu 1324 tal-Kap 16 ... il-komunjoni tintrabat fil-konfront tat-terz, anke meta att straordinarju jsir minn konsort wiehed biss, basta li jkun att "normali ta' gestjoni ta' kummerc"".*[63]

36. L-appellata spiċċat tħallas ukoll djun ġenerati mill-appellant waqt li kien qiegħed imexxi l-ħanut ta' San Pawl il-Baħar waħdu waqt li kien qiegħed jopera b'VAT numru f'ismu personali li ma kienx dak tal-

[63] Three Barrels Limited vs Joan Schembri pro et noe deċiża fis-17 ta' Jannar 2013.

kumpanija *The Pathfinders Company Limited*. Madanakollu, dan ma jfissirx li l-appellata m'għandhiex il-jedd titħallas lura dak li kellha tħallas biex tagħmel tajjeb għad-dejn li ġġenera żewġha, fejn jirriżulta li dak id-dejn akkumula tort tal-appellat, iktar u iktar meta x'aktarx l-appellant żamm għalih qligħ tal-komunjoni tal-akkwisti. L-istess japplika għal dawk id-djun li l-appellata għad jista' jkollha tagħmel tajjeb għalihom bil-ġid parafernali tagħha.

37. Kif ingħad aktar 'il fuq fir-rassenja tal-fatti, mill-2008 'il quddiem l-appellant kien qiegħed jagħmel diversi trasferimenti ta' flus mill-kontijiet bankarji komuni u dawk tal-kumpanija tagħhom. Inoltre, l-appellant kien qiegħed imexxi l-ħanut ta' San Pawl il-Baħar waħdu u juża VAT numru personali tiegħu mingħajr ma jagħti rendikont lill-appellata u fuqu akkumula dejn sostanzjali li wassal lill-appellata sabiex ikollha tbiegħ il-beni parafernali kollha tagħha biex ħallset id-dejn li akkumula l-appellant. L-appellant ma ta l-ebda rendikont tal-operat tal-ħanut f'San Pawl il-Baħar (ara wkoll l-affidavit tal-awditur Joseph Sammut). Li hu ċert hu d-dejn kiber sew u ġie żmien fejn lanqas pagamenti lill-bank ma kien qiegħed jagħmel. L-appellant ma ppruvax jiġġustifika dak in-nuqqas. Dan minkejja li fit-22 ta' Mejju 2012, flimkien mal-appellata, iffirma kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu għas-somma ta' €200,946.28 dovuta lill-HSBC Bank Malta plc. Suppost il-partijiet kellhom jagħmlu pagamenti ta' €4,147

fix-xahar. Pero` kienet biss l-appellata li qiegħda tħallas sehemha minn dak l-ammont.

38. L-appellant m'għamilx pagamenti u eventwalment l-appellata kellha tbigħ immobbli li kienu parafernali tagħha (kuntratti tal-21 ta' Novembru 2013 fir-rigward tal-fond 3, Valley Road, Birkirkara għall-prezz ta' €105,000; 30 ta' Lulju 2014 fir-rigward tal-fond 166, Hudson Confectionery, Triq il-Ħelsien, Qormi għall-prezz ta' €100,000; u 14 ta' Ottubru 2014 l-appartament 2, blokk 6, Mark's Flats, Triq Dun Gwakkin Schembri, Qormi għall-prezz ta' €66,000).

39. Għall-Qorti x'aktarx li l-appellant kien qiegħed iżomm għalih innifsu l-qligħ mill-bejgħ li kien qiegħed isir mill-ħanut ta' San Pawl il-Baħar. Qabel daħal fix-xena l-appellant ma jirriżultax li l-appellata qatt kellha xi problemi fil-ġestjoni tal-ħanut ta' Ħal-Qormi. Dan hu korraborat minn dak li xehed l-awditur Joseph Sammut.

40. Filwaqt li l-appellant baqa' jixtri l-merkanzija, il-kredituri ma kinux qegħdin jitħallsu u d-djun komplew jakkumulaw filwaqt li l-appellant baqa' jittrasferixxi flejjes lil diversi nies barra minn Malta bil-*Western Union.*[64] Dan apparti li m'hemmx provi li dak it-trasferiment ta' flus kellu x'jaqsam man-negozju.

---

[64] Fol. 292, 293, 294, 295, 307.

41. Il-mod kif l-appellant mexxa n-negozju ta' San Pawl il-Baħar ġab l-irvina tiegħu u kellu *ripple effect* fuq il-ħanut ta' Ħal Qormi li kienet tmexxi l-attriċi. Wieħed irid jiftakar li l-faċilita` li ngħatat lill-kumpanija *The Pathfinders Company Limited* kien għan-negozju ta' San Pawl il-Baħar, fl-ammont ta' €229,034 (ara Dok. TM4 mehmuż mal-affidavit tal-appellata). Negozju li kien f'idejn l-appellant. Fl-affidavit li għamel l-awditur Joseph Sammut spjega kif fl-ewwel snin tan-negozju, *"v....... allura l-ewwel b''retail outlet' wieħed u mbagħad biż-żewġ 'retail outlets' flimkien, kien ġestit tajjeb u kien iħalli riżultati finanzjarji tajba"*.[65] Kompla li pero` fis-sena 2008 it-*turnover* min-negozju waqa' bi 30% u kien reġistrat telf ta' €38,069, biex fis-sena ta' wara (2009) it-*turnover* niżel b'21% u telf ta' €71,792. Saħanistra għas-snin 2010 u 2011 l-appellant ma taħx it-tagħrif finanzjarju sabiex ikunu jistgħu jsiru l-verifiki tal-kontijiet, u dan minkejja *"viii. ...... talbiet ripetittivi tiegħi lill-imsemmi Timothy Tonwuru"*. Il-provi kollha jindikaw li l-problema kienet proprju l-ġestjoni jew aħjar in-nuqqas ta' ġestjoni korretta tal-ħanut ta' San Pawl il-Baħar. Dan wassal sabiex l-appellant ma bediex jagħmel pagamenti lill-bank, li fisser iktar kumulu ta' imgħaxijiet, u beda ma jħallasx kontijiet. Dan minkejja li kif jidher mir-ritratti li hemm fl-atti, il-ħanut ta' San Pawl il-Baħar, kien mimli merkanzija u armat sew.

---

[65] Fol. 245.

42. Dwar il-kirja tal-ħanut ta' San Pawl il-Baħar jirriżulta li din kienet saret f'isem il-partijiet personalment u mhux f'isem il-kumpanija *The Pathfinders Company Ltd.*[66] Minn Diċembru tal-2009 l-appellant mar jirrisjedi f'dak il-ħanut li kompla jmexxi b'VAT numru personali tiegħu sakemm kellu jagħlaq għaliex falla. Il-kera dovuta lis-sidien bejn Lulju 2012 u Ottubru 2012 bla dubju għandha titħallas mill-appellant li kien qiegħed jirrisjedi u jamministra l-ħanut ta' San Pawl il-Baħar waħdu fiż-żmien in kwistjoni u jżomm *kwalsiasi* rikavat għalih.[67]

43. L-appellata ħallset ukoll arretrati dovuti lill-Go plc għal-linja telefonika/*internet* tal-ħanut f'San Pawl il-Baħar meta din kienet qed tiġi wżata mill-appellant waħdu għaliex il-kumpanija baqgħet titlob lilha għall-ħlas.[68] Dejjem abbażi tal-fatt li l-qligħ mill-bejgħ tal-ħanut in kwistjoni kien jinżamm mill-appellant waħdu, l-ewwel Qorti kienet korretta meta ddeċidiet li l-appellant għandu jirrifondi lill-appellata dik is-somma.

44. Il-kont tal-ARMS Ltd jgħajjat ukoll lill-appellata minkejja li l-arloġġ jinsab fil-ħanut ta' San Pawl il-Baħar u jirreferi għal pendenzi bejn l-2011 u 2012.[69] Kien l-appellant li qiegħed imexxi n-negozju f'dak il-ħanut u kien hu li kellu jieħu ħsieb li jitħallsu l-kontijiet. L-appellant ma ta l-ebda raġuni li tista' tiġġustifika n-nuqqas tiegħu.

---

[66] Fol. 124.
[67] Xhieda tal-appellant tal-14 ta' Diċembru 2015.
[68] Fol. 75, 128.
[69] Fol. 126.

45. Il-pretensjoni ta' Syneis S.r.l hija fil-konfront tas-soċjeta` *The Pathfinders Company Limited.*[70] Ladarba din is-soċjeta` tibbaża l-pretensjonijiet tagħha fuq aċċettazzjoni ta' ħlas ta' krediti ffirmata mill-appellant waħdu u ma jidhirx li dan sar bl-awtorizzazzjoni ta' martu, l-appellant hawn ukoll ma ta l-ebda raġuni għalfejn ma ħallasx il-kont ġaladarba ħa l-merkanzija. Kollox kien f'idejh għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħanut ta' San Pawl il-Baħar u l-appellata spiċċat ma ħadet l-ebda sodisfazzjon. Għalhekk kellha raġun l-ewwel Qorti tikkonkludi li jekk isir dovut xi ħlas f'dak ir-rigward, l-appellant għandu jagħmel tajjeb għalih fir-relazzjoni nterna ta' bejn il-partijiet.[71]

46. Il-pretensjoni ta' Charles Grech Company Limited għamlet tajjeb għaliha l-appellata meta biegħet id-dar li wirtet mingħand missierha f'Birkirkara.[72] Madanakollu, b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tal-4 ta' Ottubru 2019 ġie deċiż li l-appellata mhijiex responsabbli għal dak id-dejn. Bla dubju għalhekk għandu jagħmel tajjeb għal dak id-dejn l-appellant li kien ta' garanzija personali lis-soċjeta` Charles Grech Company Limited għall-imsemmi dejn kif jirriżulta mill-istess sentenza.

[70] Fol. 1412.
[71] Fol. 1414 – 1416.
[72] Fol. 1360.

47. Dwar is-somma ta' €911.05 dovuta lil F.S. Manduca Limited, permezz ta' sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fis-27 ta' Settembru, 2017 (Talba Numru 750/2014) ġie deċiż illi għandhom jagħmlu tajjeb għaliha l-partijiet *in solidum* mill-komunjoni tal-akkwisti u jekk m'hemmx flus biżżejjed għandu jagħmel tajjeb għaliha l-konvenut mill-assi parafernali tiegħu. Minn din is-sentenza ma sarx appell. Iżda ladarba ma jirriżultax li hemm flejjes tal-komunjoni minn fejn titħallas din is-somma, tant li l-bank dar fuq l-assi parafernali tal-appellata biex jitħallas il-kreditu li kellu, dak dovut lil F.S. Manduca għandu jitħallas mill-konvenut mill-assi parafernali tiegħu kif iddeċidiet l-ewwel Qorti.

48. Għall-istess raġunijiet diġa` mfissra, is-sentenza appellata hi wkoll korretta in kwantu ġie deċiż li l-appellant għandu wkoll jinżamm responsabbli għal *kwalsiasi* arretrati ta' *income tax, VAT,* multi tal-MFSA u ħlasijiet ta' liċenzji[73] u jekk kemm-il darba tispiċċa tħallas dawn l-ammonti l-attriċi personalment ikollha dritt ta' indenizz kontra l-appellant.

49. Għal dak li jirrigwarda l-kumpanija *The Pathfinders Company Limited* reġistrata f'Malta, kull ma qalet l-ewwel Qorti kien li l-kumpanija għandha tiġi xolta u l-ispejjeż jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. B'daqshekk ma jfissirx li l-kumpanija ġiet xolta iżda sempliċement l-ewwel Qorti qalet x'għandu jsir minn dik il-kumpanija.

---

[73] Fol. 1306.

50. L-aggravju hu miċħud.

*Ir-Raba' Aggravju – Flejjes li l-appellant bagħat barra minn Malta.*

51. L-appellant jikkontendi wkoll li l-flejjes li huwa kien jibgħat barra minn Malta kien bil-kunsens ta' martu u li kien biss meta beda l-gwaj li dan l-arranġament ma baqax jogħġobha.

52. Kif diġa` ssemma, il-flejjes mibgħuta lill-familjari tal-appellant bil-*Western Union* qabel Ġunju tal-2005, l-appellata ċertament kienet taf li qegħdin isiru. Wara dik id-data l-appellata tat aċċess lill-appellant għall-*internet keys* u *credit cards* kollha tagħha iżda xorta kellha aċċess għall-istess kontijiet bankarji u jidher li sal-aħħar tal-2007 kienet għadha nvoluta wkoll fil-ġestjoni tal-ħanut f'San Pawl il-Baħar.[74] Apparti hekk, ċertu pagamenti saru lil avukata fl-Indja proprju sabiex l-appellata tikseb lura flus li kienet ġiet iffrodata minn Indjan.

53. Il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li l-appellant għandu jinżamm responsabbli biss għal dawk il-pagamenti bil-*Western Union* li għamel mis-sena 2008 'il quddiem fl-ammont ta' €18,187.33.[75]

[74] Fol. 80.
[75] Fol. 293 – 295.

*Il-Ħames Aggravju – L-art fin-Niġerja.*

54. F'dan ir-rigward is-sentenza appellata pprovdiet kif ġej:

> *"Fuq l-art fin-Nigeria, din ghandha tigi assenjata lill-attrici u ghandu jigi nnominat perit sabiex jaghmel valutazzjoni tal-istess, sabiex jekk ikun il-kaz is-sehem tal-konvenut mill-istess art titnaqqas mill-ammonti dovuti lill-attrici, okkorrendo bin-nomina ta' nutar biex jippubblika l-istess divizjoni u kuratur biex jidher fl-assenza tal-konvenut. Ghandu jigi pprecizat ukoll li l-attrici ghandha preliminarjament tirregola l-posizzjoni tal-istess trasferiment tal-art, stante li jidher li ghad irid jinhareg mill-Gvern tan-Nigeria c-certifikat tal- "state of occupancy"".*

55. F'dan ir-rigward l-appellant jilmenta li l-Qorti marret oltre dak li ntalbet għaliex it-talba tal-attriċi ma kinitx li din l-art tiġi assenjata lilha iżda li tinbiegħ b'liċitazzjoni.

56. Huwa minnu li fit-tmien talba l-appellata talbet li l-istess art tinbiegħ b'liċitazzjoni iżda dan '*prevja kull provvediment jew dikjarazzjoni oħra li jidhrilha huma xierqa u opportuni'* u marbut ma' talba aktar wiesa' u ġenerali għal-likwidazzjoni tal-assi appartjenenti lill-partijiet bejniethom.

57. Fil-kuntest tal-osservazzjonijiet magħmula aktar 'il fuq, il-Qorti tiddubita kemm din l-art tista' tiġi assenjata jew tinbiegħ ladarba tinsab illum esproprjata mill-Gvern Niġerjan u l-partijiet ma għandhom l-ebda jedd ta' kumpens fir-rigward.[76] Il-Qorti ma tifhimx ukoll kif l-ewwel Qorti setgħet tilqa' talba biex art fin-Niġerija tinbiegħ b'liċitazzjoni u saħansitra

[76] Fol. 1433-4.

sabiex jitqabbad perit għal fini ta' stima. Jekk il-partijiet għad għandhom xi interess residwali fuq l-istess art, hu evidenti li jrid isir xi ħaġa fin-Niġerija. Kull ma tista' tgħid qorti Maltija u jekk hemm xi jedd għall-kumpens, allura dan għandu jinqasam bejn il-konjuġi f'sehem ugwali. Qorti Maltija ma tistax tikkontrolla x'jiġri fin-Niġerija.

*Is-Sitt Aggravju – Id-Dekadenza tal-Partijiet.*

58. L-appellant ilmenta wkoll minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti pprovdiet illi, ladarba huwa abbanduna d-dar matrimonjali, għandu jkun hemm dekadenza fil-konfront tiegħu. L-appellant hawn itenni li huwa mhux ħati ta' abbandun u għalhekk ma ddekadiex.

59. F'dan ir-rigward din il-Qorti diġa` qalet li m'hemmx provi sufficjenti li l-appellant hu ħati ta' abbandun. Wara kollox l-appellata wkoll ma kellhiex pjaċir tkompli tgħix miegħu minħabba l-inkwiet li kien hemm, u ma qagħditx tiġri warajh biex jirritorna lura lejn id-dar matrimonjali.

60. Madanakollu minħabba l-ħtija attribwibbli lill-appellant għat-tifrik taż-żwieġ u l-infieq bla rażan u li eventwalment wassal sabiex l-appellata jkollha tbiegħ ġid parafernali tagħha biex tkopri d-dejn kbir li kien hemm,

il-Qorti tqis li d-dekadenza fil-konfront tal-appellant hi xorta ġustifikata (Art. 51 tal-Kodiċi Ċivili).

*<u>Is-Seba' Aggravju – In-Nota ta' Sottomissjonijiet preżentata wara ż-żmien mogħti.</u>*

61. L-appellant jilmenta wkoll għaliex l-ewwel Qorti ma ħallitux jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet wara ż-żmien li tatu. F'dan ir-rigward jirreferi għall-verbal tal-21 ta' Marzu 2019.

62. Skont dak il-verbal l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-appellant sabiex jippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet f'dak l-istadju wara li kkonsidrat li l-appellata kienet ippreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet f'Ġunju 2017 u minn dak iż-żmien kollu l-appellant baqa' ma weġibx. It-talba tal-avukat tal-appellant fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2019 saret abbażi tal-iskużanti li minkejja li fl-udjenza preċedenti tas-16 ta' Jannar 2019 dik il-Qorti kienet estendiet it-terminu għall-preżentata tan-nota b'xahar ieħor, l-appellant naqas li jagħmel kuntatt magħha minkejja li hija ħeġġitu jagħmel dan.

63. Id-dritt għal smigħ xieraq ma jingħatax sabiex parti tabbuża mill-proċess ġudizzjarju. Għalhekk l-aggravju hu fieragħ.

*It-Tmien Aggravju – Deċiżjoni dwar talbiet li ma sarux.*

64. L-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti laqgħet l-erbatax (14) u l-ħmistax-il (15) talba filwaqt li ċaħdet is-seba' (7) kontro-talba meta t-talbiet huma tlettax (13) u t-talbiet fil-kontro-talba huma sitta (6).

65. Dan huwa minnu. Jidher li f'din il-parti tas-sentenza appellata kien hemm żball tat-tipa.

*L-appell Inċidentali tal-attriċi – Manteniment.*

66. L-ewwel Qorti qieset illi mill-provi jirriżulta li ż-żewġ partijiet huma awtosuffiċjenti billi t-tnejn għandhom impjieg. Għalhekk m'hemmx lok għall-manteniment lejn l-ebda parti. Madanakollu, fl-appell inċidentali l-attriċi tikkontendi li t-tieni, it-tielet u r-raba' talba tagħha għal-likwidazzjoni, ħlas u kundanna tal-manteniment minn żewġha kellhom jintlaqgħu għaliex hi spiċċat bla xogħol u ntrojtu u tiddependi mill-għajnuna soċjali.

67. Din il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni li ħadet l-ewwel Qorti. Kienet l-attriċi stess li ddikjarat li biegħet kull ma kellha u issa se jkollha tidħol taħdem ma' binha wara li huwa xtara l-ħanut ta' Ħal Qormi mingħandha sabiex tħallas parti mid-dejn mal-Bank.

> *"I will have to sell my house in which I am actually residing as well s the confectionery which I have in Qormi. I will be selling the confectionery to my own son.*
>
> *In other words I will now be without a job and my only remedy is to find a job with my own son as his employee in this same shop of Qormi which I will be selling to my own son as stated.*[77]
>
> *I am actually still working in the same shop. If this shop is sold by my son, I would have no work there any longer".*[78]

68. Huwa biss fil-mori ta' dan l-appell li l-attriċi ppreżentat rikors permezz ta' liema sostniet li hija ma għandha l-ebda impjieg u li mhijiex f'pożizzjoni li taħdem għal raġunijiet mediċi. In sostenn ta' dan, talbet li jiġi ammess rendikont maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali dwar l-assistenza soċjali pperċepita minnha.

69. Minn dan id-dokument jirriżulta li l-attriċi ilha tirċievi għajnuna soċjali, assistenza għall-mard u għajnuna oħra minn Lulju tal-2017. Fis-sena 2020 id-dħul totali tagħha kien ta' €8,334.57 li jfisser li l-attriċi rċeviet ftit anqas minn €700 fix-xahar.

70. Ma saritx prova dwar id-dħul tal-konvenut bħala *bus driver* mal-Awtorita` tat-Trasport. Is-salarju bażiku f'Malta huwa ftit anqas minn €800 fix-xahar. Il-Qorti mhijiex sodisfatta li hemm biżżejjed provi biex tikkonkludi li l-konvenut qiegħed f'pożizzjoni finanzjarja li jħallas

[77] Xhieda tal-attriċi tas-27 ta' Novembru 2013 a fol. 1295.
[78] Xhieda tal-attriċi tat-22 ta' Ottubru 2014 a fol. 1489.

manteniment lil martu, iktar u iktar meta tqis id-dejn kollu li għandu x'iħallas.

71. Dan apparti li m'hemmx prova sodisfaċenti li l-attriċi mhijiex f'kundizzjoni medika li ssib xogħol bi qligħ. Dan il-każ ilu s-snin pendenti, u żgur li kellha biżżejjed żmien sabiex ma tibqax tiddependi fuq l-għajnuna soċjali. Il-partijiet ilhom snin twal jgħixu u jfendu għal rashom u l-Qorti ma tqisx li hemm iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw li l-attriċi tirċievi manteniment mingħand żewġha.

72. Għaldaqstant, tiċħad l-appell inċidentali.

Għal dawn il-motivi filwaqt li tilqa' parzjalment l-appell prinċipali tal-konvenut, tiċħad l-appell inċidentali tal-attriċi. Tvarja s-sentenza appellata tat-8 ta' Ottubru 2019 billi:

1. Tiddikjara li l-appellant mhuwiex ħati ta' abbandun b'dan li xorta tapplika d-dekadenza fil-konfront tiegħu billi kif spjegat hawn fuq kien hu li jaħti għat-tifrik taż-żwieġ.

2. Tnaqqas is-somma ta' €17,569.44 mill-ammont dovut mill-appellant lill-appellata rappreżentanti pagamenti li għamel permezz tal-*Western Union* qabel l-2008;

3. Tħassar dak deċiż mill-ewwel Qorti b'referenza għat-talbiet numru erbatax, ħmistax u t-talba numru sebgħa tal-kontro-talba peress li ma jeżistux.

4. Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata.

Spejjeż tal-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet peress li l-appellant qiegħed bl-għajnuna legali, filwaqt li l-appellata għandha tħallas l-ispejjeż tal-appell inċidentali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm